MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2010

Citazzjoni Numru. 800/2008

**Joseph Cassar u martu Antoinette Cassar għal kull interess li jista' jkollha**

***Versus***

***Malta International Airport p.l.c.***

1. F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li jingħata rimedju ordnat mit-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji ["it-Tribunal"].

2. L-attur fisser illi fis-6 ta' Ottubru 1997 hu kien ressaq rikors[1] quddiem it-Tribunal għax qal illi s-soċjetà konvenuta għamlet inġustizzja kontra tiegħu meta b'*direct appointments* tat numru ta' ħatriet u promozzjonijiet, fosthom lil persuni fl-istess grad tal-attur iżda anqas kwalifikati minnu. Dan, igħid l-attur, sar għal raġunijiet ta' natura politika għax kien delegat tal-*Malta Labour Party* u uffiċjal tal-*General Workers Union*.

---

[1] Rikors numru 592/1997 fl-ismijiet Joseph Cassar *versus Malta International Airport*.

3. Waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem it-Tribunal il-Gvern ta’ Malta beda proċess ta’ privatizzazzjoni u bigħ uħud mill-ishma tiegħu fis-soċjetà konvenuta hekk li ma baqagħlux il-kontroll tagħha. Waqt dan il-proċess ta’ privatizzazzjoni min kellu x’jaqsam fih kien jaf bil-proċeduri li s-soċjetà konvenuta kellha quddiem it-Tribunal, u l-istess soċjetà ma ressqet ebda eċċezzjoni dwar nuqqas ta’ kompetenza tat-tribunal biex jiddeċiedi każ dwar kumpannija privatizzata, jew li ma kinitx kontradittriċi leġittima.

4. Fit-13 ta’ Mejju 2004 it-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu fuq ir-rikors tal-attur u qal illi:

Ma ngħatatx raġuni valida għala r-rikorrent ma ngħatax il-promozzjoni għal *Safety and Security Executive* meta kien proprju f’dik il-linja u hawnhekk it-Tribunal isib li saret inġustizzja mar-rikorrent u jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija intimata, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment ġustifikat dwar il-promozzjoni ta’ *Safety and Security Executive*, jirrikmanda li r-rikorrent jingħata rimedju kompensattiv billi jingħata l-kariga ta’ *Safety and Security Executive* b’effett mill-1991 meta ngħataw il-kariga tal-*executives* l-oħra u jitpoġġa fil-lista ta’ *seniority* daqs kemm ħa l-promozzjoni dak in-nhar kif ukoll li jitħallas id-differenza fil-paga li sofra.

5. L-attur talab lis-soċjetà konvenuta biex toqgħod għal din id-deċiżjoni iżda l-konvenuta wieġbet illi, la ma għadhiex taħt il-kontroll tal-gvern, ma hijiex marbuta li timxi fuq ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal, u illi l-attur kellu jitlob rimedju mingħand il-gvern.

6. B’ittra tal-20 ta’ Ottubru 2004 maħruġa mill-*Management and Personnel Office* tal-Uffiċċju tal-Prim’Ministru, il-gvern uffiċjalment għarraf lis-soċjetà konvenuta illi l-Prim’Ministru kien approva l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal taħt l-art. 7(11) tal-Att dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji [“Kap. 394”], u illi soċjetajiet li (bħal dik konvenuta) ma baqgħux kontrollati mill-gvern kienu xorta waħda jitqiesu “korp imwaqqaf b’liġi” taħt l-art. 2 tal-istess Att u għalhekk soġġetti għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunal.

7. Il-konvenuti iżda ma qagħditx għal dan u qalet illi d-deċiżjoni tal-Prim’Ministru kienet *ultra vires* u bi ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali tagħha. L-attur, min-naħa l-oħra,

igħid illi kien hemm każijiet oħra quddiem it-Tribunal, deċiżi kemm waqt u kemm qabel il-proċess ta' privatizzazzjoni tal-konvenuta, fejn id-deċiżjoni kienet implimentata mill-konvenuta.

8. L-attur (li llum huwa pensjonant) għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

i. tordna illi din il-kawża timxi flimkien ma' dik bl-ismijiet <u>Joseph Cassar *et versus* Onorevoli Prim'Ministru *et*</u> (rikors maħluf numru 801/2008) – din it-talba ntlaqgħet b'dikriet tal-5 ta' Frar 2009;

ii. tgħid illi l-konvenuta kienet marbuta li timxi fuq id-direttiva mogħtija lilha mill-Prim'Ministru fl-ittra tal-20 ta' Ottubru 2004, u għalhekk kellha toqgħod għas-sentenza tat-Tribunal tat-13 ta' Mejju 2004;

iii. tgħid illi l-konvenuta naqset milli tagħmel dan;

iv. tordna "l-implimentazzjoni ġudizzjarja" tas-sentenza tat-Tribunal billi tordna illi l-attur "jingħata l-kariga ta' *Safety and Security Executive* b'effett mill-1991 meta ngħataw il-kariga tal-*executives* l-oħra u jitpoġġa fil-lista ta' *seniority* daqs kemm ħa l-promozzjoni dak in-nhar kif ukoll li jitħallas id-differenza fil-paga li sofra"; u

v. tillikwida d-differenza fil-paga u f'kull ħlas jew rimunerazzjoni oħra li tilef l-attur bejn l-1 ta' Jannar 1992 u t-28 ta' Ġunju 2006 u tagħti kull rimedju meħtieġ biex l-attur jiġi redintegrat għal kollox fil-jeddijiet tiegħu.

9. L-atturi talbu wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet.

10. Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. ma hijiex kontradittriċi leġittima għax, taħt l-art. 7(11) tal-Kap. 394, huwa l-Prim'Ministru li għandu d-dmir li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal;

ii. ma hijiex marbuta li timxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Prim'Ministru; u

iii. ma għamlet ebda nuqqas għax:

a. id-dmir tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijet tat-Tribunal jaqa' biss fuq il-Prim'Ministru;

b. ma hemm ebda obbligu legali fuqha li timplimenta dawk ir-rakkomandazzjonijet; u

c. qatt ma ġiet ordnata minn awtorità kompetenti li għandha setgħa fuqha biex twettaq ir-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal.

11. Il-fatti relevanti seħħew hekk: L-attur ressaq rikors quddiem it-Tribunal għax deherlu illi saret inġustizzja miegħu mis-soċjetà konvenuta fl-għoti ta' promozzjonijiet. It-Tribunal kellu kompetenza jisma' r-rikors tal-attur billi taħt l-art. 5(1) tal-Kap. 394 dak "l-Att japplika għall-Gvern, u għal kull korp imwaqqaf b'liġi kif imfisser fl-artikolu 2", waqt li "korp imwaqqaf b'liġi" huwa mfisser hekk fl-art. 2:

"korp imwaqqaf b'liġi" tfisser kull korporazzjoni jew korp magħqud ieħor imwaqqaf b'liġi u tinkludi kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern jew xi korp wieħed jew iktar minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew kull kombinazzjoni tagħhom ikollhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw jew kellhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995 jew li fuqhom il-Gvern jew xi korp wieħed jew iktar bħal dawk jew kull kombinazzjoni tagħhom ikollhom kontroll effettiv jew kellhom kontroll effettiv bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995.

12. Waqt is-smigħ tal-każ quddiem it-Tribunal il-gvern bigħ xi ishma fis-soċjetà konvenuta u għalhekk ma kellux aktar kontroll effettiv tas-soċjetà konvenuta li, iżda, baqgħet titqies "korp imwaqqaf b'liġi" għall-għanijiet tal-Kap. 394 billi fiż-żmien relevanti l-gvern kellu dak il-kontroll.

13. Dan ma huwiex kontestat mis-soċjetà konvenuta, li, iżda, tgħid illi dan ma jfissirx illi hija marbuta twettaq id-deċiżjonijet tat-Tribunal, għax dak id-dmir jaqa' fuq il-gvern u mhux fuqha.

14. It-Tribunal ta sentenza favur l-attur fit-13 ta' Mejju 2004 u ordna illi jinħatar *Safety and Security Executive* b'seħħ mill-1991, b'anzjanità minn dak iż-żmien u illi jitħallas il-paga daqslikieku nħatar dak iż-żmien. Imbagħad, b'ittra tal-20 ta' Ottubru 2004 mill-Uffiċċju tal-Prim'Ministru s-soċjetà konvenuta ġiet mgħarrfa illi "*the Prime Minister has approved the implementation of the [Tribunal's] decision in respect of Mr Joseph Cassar in terms of sub-article 7(11) of … … … Chapter 394 and directs that you take action accordingly*". L-art. 7(11) imsemmi f'dik l-ittra jgħid hekk:

**7.** (11) Ikun id-dmir tal-Prim'Ministru li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabbilixxi dawk il-

proċeduri u jagħti dawk id-direttivi li jkunu meħtieġa għat-twettiq ta’ dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

15. Il-kwistjoni issa hija jekk il-Prim’Ministru għandux is-setgħa jordna illi tkun il-konvenuta li timplementa r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal.

16. Fil-fehma tal-qorti, it-tweġiba tinstab fil-kliem tal-art. 7(11) miġjub fuq, li jgħid illi “Ikun id-dmir tal-Prim’Ministru li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal”. Il-Prim’Ministru dan jista’ jagħmlu billi jagħti direttivi lil min għandu jwettaq dak li jkun irrakkomanda t-Tribunal, iżda dawk id-direttivi jistgħu jingħataw biss lil min il-Prim’Ministru għandu s-setgħa li jagħtih direttivi: il-Kap. 394 ma jwessax dik is-setgħa. Il-fatt illi, għall-għanijiet tal-Kap. 394, il-konvenuta titqies “korp imwaqqaf b’liġi” jiswa biex jagħti lit-Tribunal ġurisdizzjoni fuq l-għemil tas-soċjetà fiż-żmien relevanti, u biex il-gvern iwieġeb għal dak l-għemil billi kellu kontroll fuqha fl-istess żmien, iżda mhux biex il-gvern ikompli jżomm setgħa fuqha għall-għanijiet tal-istess liġi.

17. Fil-każ tallum, ladarba l-gvern ma għadx għandu kontroll tal-konvenuta, ma jistax jagħtiha direttivi, u għalhekk l-għoti ta’ direttivi lill-konvenuta ma huwiex mod kif il-Prim’Ministru jista’ jwettaq id-dmir tiegħu “li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal”.

18. L-atturi jgħidu illi l-konvenuta fil-kontijiet pubbliċi tagħha tagħmel riżerva għal *contingent liability* dwar il-pretensjoni tal-attur. Din ir-riżerva iżda hija biss miżura ta’ prudenza fil-kontabilità u ma toħloqx dejn favur l-attur.

19. Lanqas ma huwa meħtieġ illi s-soċjetà konvenuta tibda proċeduri taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex twaqqa’ u tħassar id-direttiva mogħtija fl-ittra tal-20 ta’ Ottubru 2004, kif igħidu l-atturi. Dik id-direttiva, fiha nfisha, ma bidlitx il-pożizzjoni legali tal-konvenuta li għalhekk ma ħtiġilhiex tieħu passi dwarha.

20. Dan ma jfissirx, kif igħidu l-atturi, illi hemm xi *lacuna* fil-liġi, għax il-liġi titkellem ċar illi “Ikun id-dmir tal-Prim’Ministru li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal” billi jagħti direttivi lil min għandu s-setgħa li jagħtih direttivi.

21. Billi għalhekk it-talbiet tal-atturi ma jistgħux jintlaqgħu kontra s-soċjetà konvenuta, il-qorti taqta’ l-

kawża billi tiċħad it-talbiet magħmula fir-rikors maħluf u tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------